

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 45



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 62
4 ta' Frar 2019

Werrej

III *Atti preparatorji*

IL-QORTI TAL-AWDITURI

2019/C 45/01

Opinjoni Nru 10/2018 (*skont l-Artikolu 322(1) TFUE*) dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (*COM(2018) 460 final*)

1

MT

III

(Atti preparatorji)

IL-QORTI TAL-AWDITURI

OPINJONI Nru 10/2018

(skont l-Artikolu 322(1) TFUE)

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (COM(2018) 460 final)

(2019/C 45/01)

WERREJ

	Paragrafu	Pàgna
Sommarju	I-IV	2
Introduzzjoni	1-9	2
PARTI I: KUMMENTI ĠENERALI	10-19	4
Simplifikazzjoni u koerenza	13-14	4
Flessibilità	15-16	5
Obbligu ta' rendikont	17-18	5
Arranġamenti speċifiċi għall-FEŻ	19	5
PARTI II: KUMMENTI SPEĊIFIĊI	20-68	5
Titolu I Dispożizzjonijiet ġenerali (l-Artikoli 1-9)	20	5
Kapitolu I Programmazzjoni (l-Artikoli 10-15)	21-29	5
Kapitolu II Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Viċinat (l-Artikoli 16-18)	30-38	6
Kapitolu III Pjanijiet ta' azzjoni, miżuri u metodi ta' implimentazzjoni (l-Artikoli 19-25)	39-48	7
Kapitolu IV EFSD +, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi (l-Artikoli 26-30)	49-57	8
Kapitolu V Monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni (l-Artikoli 31-32)	58-65	9
Kundizzjonijiet għall-attestazzjoni mill-Qorti	66-68	10
ANNEX — Analiżi tal-proposta tal-Kummissjoni u s-suġġeriment tal-Qorti		11

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 322(1) tiegħu;

Wara li kkunsidrat il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021-2027, kif deskritt fil-komunikazzjoni “Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027” ⁽¹⁾;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽²⁾;

Wara li kkunsidrat l-Opinjoni tal-Qorti Nru 1/2017 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽³⁾;

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali ⁽⁴⁾;

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2018 għal opinjoni dwar il-proposta msemmija hawn fuq;

Billi l-oġettiv tal-proposta huwa li għadd ta' strumenti jiġu integrati fi ħdan strument wieħed wiesa', biex b'hekk tinholq opportunità għar-razzjonalizzazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u sorveljanza, u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-partijiet ikkonċernati;

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

Sommarju

I. Il-Proposta qed issir fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021-2027 ⁽⁵⁾. Il-Proposta tippredvi ristrutturar kbir tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-Unjoni billi ħafna minnhom jiġu magħqudin fi strument wiesa' ġdid wieħed: l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, li se japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

II. Ir-raġunament wara l-Proposta huwa li “jiġu ssimplifikati l-metodi tal-ħidma” filwaqt li jiżiedu l-koerenza u l-konsistenza tal-interventi tagħha, u li jkun hemm aktar flessibilità fir-rispons għal sfidi u kriżijiet imprevisi. B'mod ġenerali, il-Proposta tikseb dawn l-għanijiet.

III. L-integrazzjoni tal-FEŻ fl-istrument NDICI tindirizza inkonsistenza bejn il-proċess baġitarju u l-proċess ta' obbligu ta' rendikont tal-FEŻ. Permezz tal-Proposta, il-Parlament Ewropew jikseb setgħa baġitarja u leġiżlattiva. Konsegwentement, titjeb is-sorveljanza demokratika tal-għajnuna mill-UE għall-iżvilupp.

IV. Din l-opinjoni tagħmel suġġerimenti dwar kif tista' titjeb iċ-ċarezza tal-Proposta, billi xi dispożizzjonijiet jiġu riorganizzati parzjalment u oħrajn isiru aktar speċifiċi.

Introduzzjoni

1. Fl-14 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat proposta (“il-Proposta”) għal Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali ⁽⁶⁾ (NDICI), kif ukoll annessi tal-Proposta għal Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali ⁽⁷⁾.

2. Il-Proposta qed issir fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2021-2027 ⁽⁸⁾, kif deskritt fil-qosor fil-komunikazzjoni tagħha “Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027”. Il-komunikazzjoni tistabbilixxi l-prijoritajiet prinċipali u l-qafas baġitarju kumplessiv għall-programmi ta' azzjoni esterna tal-UE taħt l-intestatura “Viċinat u l-Bqija tad-Dinja”, inkluż l-istabbiliment tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

⁽¹⁾ COM(2018) 321 final, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni “Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027”.

⁽²⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, “ir-Regolament Finanzjarju”.

⁽³⁾ ĠU C 91, 23.3.2017, p. 1.

⁽⁴⁾ COM(2018) 460 final.

⁽⁵⁾ COM(2018) 321 final, kif ikkwotat hawn fuq.

⁽⁶⁾ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, COM(2018) 460 final.

⁽⁷⁾ L-Annessi tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, COM(2018) 460 final, l-Annessi 1 sa 7.

⁽⁸⁾ COM(2018) 321 final, Komunikazzjoni “Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027” tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

3. Fil-QFP għall-2014-2020, għadd ta' strumenti ta' finanzjament jikkoeżistu taħt l-Intestatura 4 ("Ewropa Globali"), li l-biċċa l-kbira minnhom se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2020. Taħt il-QFP għall-2021-2027, il-Proposta tipprevedi ristrutturatur kbir tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-Unjoni billi ħafna minnhom jiġu magħqudin fi strument wiesa' ġdid wieħed: l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, li se japplika mill-1 ta' Jannar 2021. L-istrumenti/il-programmi attwali li se jiġu miġbura/integrati huma:

- l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp ⁽⁹⁾ (DCI);
- il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽¹⁰⁾ (FEŻ);
- l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem ⁽¹¹⁾ (EIDHR);
- l-Istrument Ewropew ta' Viċinat ⁽¹²⁾ (SEV);
- l-Istrument ta' Sħubija ⁽¹³⁾ (PI);
- l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi ⁽¹⁴⁾ (IcSP);
- l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari ⁽¹⁵⁾ (INSC);
- il-Mandat ta' Self Estern ⁽¹⁶⁾ (ELM);
- Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni ⁽¹⁷⁾;
- il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tiegħu u l-Fond ta' Garanzija tiegħu ⁽¹⁸⁾;
- Assistenza Makrofinanzjarja ⁽¹⁹⁾ (MFA); u
- ir-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni ⁽²⁰⁾ (CIR).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020. (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

⁽¹⁰⁾ Il-Ftehim Intern dwar il-11-il FEŻ — (ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1); ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 1); id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/334 tat-2 ta' Marzu 2015 (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 75).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 235/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 85).

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

⁽¹³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 77).

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1).

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 237/2014 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 109). Huwa propost li għadd limitat biss ta' attivitajiet li huma relatati mal-użu paċifiku tal-enerġija nukleari (ara l-Anness II(6)(i)) għandhom jaqgħu taħt l-istrument NDICI. Se jinħoloq strument komplementari f'konformità mal-proċeduri speċifiċi tat-Trattat Euratom: l-Istrument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari (EINS). Huwa propost li dan l-istrument ikun ikopri azzjonijiet (u finanzjament għal attivitajiet relatati mas-settur nukleari) li huma relatati ma' salvagwardji nukleari, appoġġ għall-infrastruttura u t-taħriġ, u trasferimenti tal-għarfien espert tal-UE.

⁽¹⁶⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

⁽¹⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10).

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

⁽¹⁹⁾ Għajr għotjiet ta' Assistenza Makrofinanzjarja. L-Assistenza Makrofinanzjarja se tiġi attivata fuq bażi ta' każ b'każ, kif meħtieġ.

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95). Is-CIR japplika għal għadd ta' strumenti taħt l-Intestatura 4 "Ewropa Globali" tal-QFP għall-2014-2020.

4. Skont il-Premessa 8 tal-Proposta, l-implimentazzjoni tal-istrument NDICI għandha tkun iggwidata mill-ħames prijoritàjiet stabbiliti fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni (l-Istrateġija Globali) ⁽²¹⁾. Barra minn hekk, il-Premessa 9 tenfasizza l-importanza tal-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp ⁽²²⁾ (il-Kunsens), li jipprovdi l-qafas għal approċċ komuni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha. Il-Kunsens għandu l-għan li jimplimenta l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ⁽²³⁾ u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa ⁽²⁴⁾.

5. L-objettiv tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali huwa li "jsostni u jipromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-għanijiet u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni" ⁽²⁵⁾.

6. Il-finanzjament propost għall-implimentazzjoni tal-istrument NDICI għall-perjodu 2021-2027 huwa ta' EUR 89,2 biljun ⁽²⁶⁾.

7. Waħda mill-bidliet prinċipali tal-istrument NDICI hija li jiġi integrat il-FEŻ, li attwalment jinsab barra mill-baġit. B'baġit ta' EUR 30,5 biljun għall-perjodu 2014-2020, il-FEŻ huwa l-akbar strument estern ⁽²⁷⁾. Il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp attwali ⁽²⁸⁾ u l-istrument NDICI se joperaw b'mod parallel sakemm jiġu eżawriti l-fondi.

8. Il-Kummissjoni tipproponi li l-Proposta se tappoġġa l-qafas għall-implimentazzjoni tas-sħubija suċċessur għall-ftehim Cotonou attwali ⁽²⁹⁾. Dan l-approċċ huwa l-kontra ta' dak attwali, li taħtu l-ftehim Cotonou appoġġa l-Fondi Ewropew għall-Iżvilupp.

9. L-analiżi tagħna tinkludi għadd ta' kummenti ġenerali (il-Parti I), kummenti speċifiċi (il-Parti II) u lista ta' suġġerimenti speċifiċi għall-abbozzar (l-Anness).

PARTI I: KUMMENTI ĠENERALI

10. L-istrument NDICI huwa proposta ambizzjuża li:

- (a) tiġbor flimkien bosta programmi u strumenti (baġitarji u barra mill-baġit) fi strument wieħed;
- (b) tinkludi programmi ġeografiċi, programmi tematiċi u azzjonijiet ta' rispons rapidu;
- (c) tinkludi ħafna forum differenti ta' finanzjament (għotjiet, kuntratti ta' akkwist, appoġġ baġitarju, kontribuzzjonijiet lil fondi fiduċjarji, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, finanzjament imħallat u ħelsien mid-dejn).

Dan jagħmel lill-istrument NDICI strument komprensiv u kumpless ħafna.

11. Ir-raġunament wara l-Proposta huwa li "jiġu ssimplifikati l-metodi tal-ħidma" filwaqt li jżiedu l-koerenza u l-konsistenza tal-interventi tagħha, u li jkun hemm flessibilità akbar fir-rispons għal sfidi u kriżijiet imprevisti ⁽³⁰⁾.

12. B'mod ġenerali, il-Proposta se tissimplifika l-qafas leġiżlattiv fil-qasam tal-għajnuna esterna. Hija se tipprovdi flessibilità akbar għall-istrumenti baġitarji u flessibilità simili għall-partiti li kienu diġà inklużi fil-FEŻ.

Simplifikazzjoni u koerenza

13. Is-simplifikazzjoni mfittxija mill-Kummissjoni essenzjalment tinvolvi li bosta strumenti baġitarji u l-FEŻ jiġu magħqudin fi strument wiesa'.

⁽²¹⁾ "Viżjoni kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa Aktar B'Saħħitha. Strateġija globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea", 19.6.2016.

⁽²²⁾ "Il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp: Id-Dinja Tagħna, Id-Dinjità Tagħna, Il-Futur Tagħna", Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, 8.6.2017.

⁽²³⁾ "Transforming our world: the 2030 Aġenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli), Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015 (A/RES/70/1).

⁽²⁴⁾ "Addis Ababa Action Aġenda on the Third International Conference on Financing for Development" (Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar it-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp), adottata fis-16 ta' Ġunju 2015 u approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Lulju 2015 (A/RES/69/313).

⁽²⁵⁾ L-Artikoli 3(5), 8 u 21 tal-verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

⁽²⁶⁾ L-Artikolu 6(1) tal-Proposta.

⁽²⁷⁾ Parti sinifikanti mill-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika, li attwalment qed tiġi ffinanzjata mill-FEŻ, se tibqa' barra mill-baġit. Bi tqabbil ma' dan, il-baġit għall-Intestatura 4 "Ewropa Globali" għall-perjodu 2014-2020 jammonta għal EUR 66,3 biljun.

⁽²⁸⁾ Għat-8, id-9 u l-10 FEŻ, il-perjodu ta' impenn skada; il-perjodu ta' impenn għall-11-il FEŻ se jintemm fl-2020, l-Artikolu 1(5) tal-Ftehim Intern dwar il-11-il FEŻ – (ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1); ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 (ĠU L 58, 3.3.2015, p. 1).

⁽²⁹⁾ Ara l-Premessa 20 tal-Proposta.

⁽³⁰⁾ Il-memorandum ta' spjegazzjoni għall-Proposta, il-Punt 1 "Kuntest tal-Proposta".

14. Għalkemm il-Proposta tmur fid-direzzjoni t-tajba u tnaqqas id-diskrepanzi u t-trikkib ⁽³¹⁾, il-koerenza u l-konsistenza jiddependu fuq l-arranġamenti ta' implimentazzjoni li jintgħażlu, kif ukoll fuq is-sorveljanza u l-arranġamenti ta' ġestjoni tal-Kummissjoni. Pereżempju, il-bini ta' kapaċità fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà jista' jiġi ffinanzjat ġeografikament u tematikament skont il-Proposta, u jiġi implimentat minn dipartimenti tal-Kummissjoni, delegazzjonijiet tal-UE jew fondi fiduċjarji tal-UE separati. Barra minn hekk, azzjonijiet simili jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll taħt il-PESK (missjonijiet ta' taħriġ tal-PSDK mhux koperti mill-“mekkaniżmu Athena”) jew taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi proposta.

Flessibilità

15. Il-komunikazzjoni dwar il-QFP il-ġdid għall-2021-2027 ⁽³²⁾ enfazzat li “huwa essenzjali wkoll li r-regoli tal-Istrument ta' Viċinat, Żvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali jkollhom dispożizzjonijiet ta' flessibilità simili għal [dawk] stabbiliti għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp attwali”.

16. Sabiex tirreaġixxi b'aktar flessibilità għal sfidi u kriżijiet imprevisi, il-Proposta tinvolvi żewġ miżuri prinċipali: l-introduzzjoni ta' “riżervi tal-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti” ta' 11 % (l-Artikolu 6(3)) u l-illaxkar tar-regoli dwar l-annwalità billi ssir eħfef li jiġu riportati l-impenji u biex id-diżimpenji jerġgħu jsiru disponibbli għal-linja baġitarja oriġinali (l-Artikolu 25).

Obbligu ta' rendikont

17. Ir-Rapport Annwali tagħna dwar il-FEŻ għall-2017 ⁽³³⁾ ġibed l-attenzjoni għal inkonsistenza bejn il-proċess baġitarju u l-proċess ta' obbligu ta' rendikont tal-FEŻ. Il-Parlament Ewropew (PE) ma jintervjenix fl-istabbiliment tal-baġit tal-FEŻ u fir-regoli tiegħu, jew fl-allokazzjoni tar-riżorsi rilevanti. Madankollu, huwa jiddeċiedi jekk jagħtix kwittanza lill-Kummissjoni Ewropea għall-mod kif hija mmaniġġjat il-FEŻ bħala parti minn proċedura annwali speċifika ta' kwittanza. L-integrazzjoni tal-FEŻ fl-istrument NDICI tindirizza din l-inkonsistenza u ssaħħaħ is-sorveljanza demokratika tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-ghajjnuna mill-UE għall-iżvilupp. Konsegwentement, tjieb il-kontroll demokratiku tal-ghajjnuna mill-UE għall-iżvilupp. Permezz tal-Proposta, il-Parlament Ewropew se jikseb setgħa baġitarja u leġislattiva.

18. Il-Premessa 44 tenfasizza l-obbligu li l-Kummissjoni tinkludi, fi “(...) ftehimiet ma' pajjiżi u territorji terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u kwalunkwe kuntratt jew ftehim ta' għotja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun fihom dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF iwettqu tali awditjar, verifiki u spezzjonijiet fil-post, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u jiżguraw li kwalunkwe terza persuna involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti”. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġislaturi jikkunsidraw li jirrinfurzaw, fi ftehimiet bħal dawn, l-obbligu li fuq talba tal-Qorti tal-Awdituri, jintbagħtulla kwalunkwe dokument jew informazzjoni li hija tkun teħtieġ biex twettaq il-kompitu tagħha.

Arranġamenti speċifiċi għall-FEŻ

19. Bosta punti materjali relatati mal-FEŻ, bħall-użu tal-fondi li jifdal, riżervi speċjali u ammonti diżimpenjati, il-futur tal-ftehim ta' Cotonou u tal-Faċilità ta' Investiment tal-AKP, mhumiex koperti mill-Proposta u se jkunu jiddependu fuq deċiżjoni mill-Istati Membri meta l-ftehim ta' Cotonou attwali jiskadi fl-2020 u fuq kwalunkwe ftehim sussegwenti mal-pajjiżi AKP. Dan joħloq inċertezza għall-pajjiżi sħab.

PARTI II: KUMMENTI SPEĊIFIĊI

Titolu I — Dispożizzjonijiet ġenerali (l-Artikoli 1-9)

20. Il-premessi jenfasizzaw l-importanza tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, it-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Madankollu, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tibdil fil-klima ma jissem-mewx b'mod espliċitu fl-oġġettivi speċifiċi fl-Artikolu 3(2).

Kapitolu I — Programmazzjoni (l-Artikoli 10-15)

21. Rigward il-programmazzjoni, għajr kapitolu dwar kwistjonijiet relatati mal-Viċinat (il-Kapitolu II) li huwa ispirat mid-dispożizzjonijiet rispettivi għas-SEV ⁽³⁴⁾, il-Proposta hija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq ir-Regolament dwar id-DCI ⁽³⁵⁾. B'mod partikolari, dan huwa l-każ tal-programmi ġeografiċi.

⁽³¹⁾ Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Proposta (SWD(2018) 337 final) tidentifika inqas diskrepanzi u trikkib bejn l-istrumenti bħala ġustifikazzjoni waħda għall-bidla fl-arkitettura tal-istrumenti esterni, il-paġna 19.

⁽³²⁾ COM(2018) 321 final, Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027, in-nota 16 f'qiegħ il-paġna.

⁽³³⁾ Ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2017, ĠU C 357/315 tal-4.10.2018, il-paragrafu 45.

⁽³⁴⁾ Ir-Regolament (EU) Nru 232/2014, kif ikkwotat hawn fuq.

⁽³⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014, kif ikkwotat hawn fuq.

22. Fir-rigward tal-programmi tematiċi, il-Proposta tinkludi wkoll dispożizzjonijiet ta' programmazzjoni minn strumenti eżistenti oħra (eż. l-IcSP ⁽³⁶⁾, u l-PI ⁽³⁷⁾). Billi dawn l-istrumenti huma prinċipalment ta' natura tematika u f'ċerti aspetti jinkludu dispożizzjonijiet simili ħafna, il-Proposta tirriżulta f'sett sinifikattivament aktar sempliċi ta' dispożizzjonijiet (b'mod partikolari fejn jikkonċerna dokumenti ta' programmazzjoni).

23. L-Artikolu 11 tal-Proposta jintroduċi għadd ta' prinċipji ta' programmazzjoni, li jindirizzaw esklussivament il-programmi ġeografiċi. Għalkemm min-natura tagħhom huwa ċar li xi wħud mill-prinċipji japplikaw biss għal dan it-tip ta' programmi (eż. fir-rigward tas-sinkronizzazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni maċ-ċikli ta' strateġija tal-pajjiżi sħab), oħrajn ma japplikawx esklussivament għall-programmi ġeografiċi. Eżempju ta' dan huwa l-prinċipju li jenħtieġ li d-dokumenti ta' programmazzjoni għall-programmi ġeografiċi jkunu bbażati fuq ir-riżultati (l-Artikolu 11(5)); fil-fehma tagħna, jenħtieġ li dan japplika wkoll għall-programmi tematiċi.

24. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jikkunsidraw li:

japplikaw il-prinċipju li jenħtieġ li d-dokumenti ta' programmazzjoni għall-programmi ġeografiċi jkunu bbażati fuq ir-riżultati għall-programmi tematiċi wkoll.

25. L-Artikolu 11(1) tal-Proposta jappella għal djalogu bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab, bil-ħsieb li jipprograwwazzjoni. Madankollu, aħna ma nsibux referenza għal dan id-djalogu, la fid-deskrizzjoni tal-proċess ta' adożżjoni, approvazzjoni, emendar u/jew eżaminar tal-programmi indikattivi pluriennali (MIPs) (l-Artikolu 14), u lanqas fid-definizzjoni tal-kontenuti tad-dokumenti ta' programmazzjoni (l-Artikoli 12 u 13), eż. l-inklużjoni ta' referenza għall-partijiet ikkonċernati prinċipali kkonsultati matul il-proċedura ta' programmazzjoni.

26. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jikkunsidraw li:

fil-Proposta jinkludu r-referenza nieqsa għad-djalogu bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab.

27. Il-formulazzjoni tan-Numri 3 u 4 tal-Artikolu 14 tvarja biss minħabba li waħda tindirizza programmi ġeografiċi (in-Numru 3), filwaqt li l-oħra tindirizza programmi tematiċi (in-Numru 4), bħalma tagħmel il-parti finali tan-Numru 3 (li tinkludi wkoll "wara sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' wara kriżi"). L-Anness jinkludi suġġeriment għal riformulazzjoni.

28. L-Artikolu 15 jitttratta r-"riżervi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti". Mhuwiex ċar għalfejn dan l-artikolu jaqa' taħt "Programmazzjoni" (il-Kapitolu I).

29. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jikkunsidraw li:

jitrassponu l-Artikolu 15, "riżervi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti", għat-Taqsima "Dispożizzjonijiet ġenerali", wara l-Artikolu 6. Din il-modifika tagħmel l-ordni tal-artikoli aktar loġika, billi l-Artikolu 15 jirreferi għall-Artikolu 6.

Kapitolu II — Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Viċinat (l-Artikoli 16-18)

30. Il-Proposta tiddedika kapitolu separat għal "Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Viċinat", li jikkonsisti minn tliet artikoli relatati mal-programmazzjoni. L-istruttura proposta tagħmel il-Proposta aktar diffiċli biex tinqara.

31. L-Artikolu 16(2) huwa relatat mal-prinċipji ta' programmazzjoni għal "Viċinat". Għalkemm il-kontenut ta' dan il-paragrafu huwa dwar prinċipji ta' programmazzjoni, l-Artikolu huwa intitolat "Dokumenti ta' programmazzjoni". Dan mhuwiex skont l-istruttura applikata fil-Kapitolu I, fejn Prinċipji ta' Programmazzjoni (l-Artikolu 11) u Dokumenti ta' Programmazzjoni (l-Artikolu 12) jaqgħu taħt Artikoli separati.

32. L-Artikolu 16(2) jiddikjara "B'deroga mill-Artikolu 11(2)...". Madankollu, il-kontenut taż-żewġ paragrafi u l-kriterji tal-pajjiż sieħeb użati għall-programmazzjoni huma parzjalment simili.

33. Fl-Artikolu 17, il-Kummissjoni tipproponi "approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni". Madankollu, dan huwa relatat biss ma' pajjiżi tal-"Viċinat", fis-sens li huma biss għandhom karatteristiki li jistgħu jitqabblu bl-użu ta' indikaturi tal-prestazzjoni.

34. Għalkemm mekkaniżmu simili ġie inkluż ukoll taħt il-11-il-FEŻ ⁽³⁸⁾ "sabiex jiġu pprovduti inċentivi għal riformi orjentati lejn ir-riżultati", dan mhuwiex il-każ taħt il-Proposta attwali.

⁽³⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014, kif ikkwotat hawn fuq.

⁽³⁷⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014, kif ikkwotat hawn fuq.

⁽³⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/322, kif ikkwotat hawn fuq, l-Artikolu 7(2).

35. Barra minn hekk, ir-rapport tal-analiżi ta' nofs it-terminu tas-SEV ⁽³⁹⁾ iddikjara li: L-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi ddefinit fis-SEV ipprovdiet riżorsi finanzjarji sinifikattivament ogħla lil dawk is-sħab li għamli l-aktar progress fir-riformi politiċi, iżda l-impatt tagħha fuq l-ingranaġġ ta' riformi ulterjuri, b'mod partikolari f'pajjiżi oħra, għad irid jiġi ddimostrat. Is-SEV ma setax jipprovdni biżżejjed inċentivi lil dawk il-pajjiżi li ma kellhomx wisq rieda li jwettqu riformi politiċi. Il-Proposta ma bidlitx il-mekkaniżmu eżistenti tal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni.

36. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġislaturi jikkunsidraw li:**

japplikaw mekkaniżmu simili għall-“approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni” għall-Proposta kollha. Din il-modifika tiżgura li l-“approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni” ma jkunx limitat għall-pajjiżi tal-“Viċinat”.

37. Il-kunċett tal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni fl-Artikolu 17 huwa l-istess bħall-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi għas-SEV ⁽⁴⁰⁾; it-terminoloġija biss hija differenti. Il-kunċett ma ġiex aġġustat biex jirrifletti l-fokus tar-Regolament Finanzjarju fuq il-prestazzjoni u r-riżultati ⁽⁴¹⁾.

38. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġislaturi jikkunsidraw li:**

iħassru l-Kapitolu II, “Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Viċinat”, u li jinkludu l-artikoli taħt il-Kapitolu I, “Programmazzjoni”, fejn iżommu minimu strett ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Viċinat. Din il-modifika tagħmel il-proposta aktar faċli biex tinqara.

Kapitolu III — Pjanijiet ta' azzjoni, miżuri u metodi ta' implimentazzjoni (l-Artikoli 19-25)

39. Fir-rigward tal-implimentazzjoni, il-Proposta hija prinċipalment ibbażata fuq is-CIR ⁽⁴²⁾ u tadotta d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ta' xi wħud mill-istrumenti eżistenti.

40. Meta mqabbla mal-qafas eżistenti, il-Proposta tinkludi lista sinifikattivament aktar sempliċi tat-tipi ta' miżuri li jistgħu jiġu adottati (individwali, speċjali, ta' appoġġ u miżuri ta' assistenza eċċezzjonali). Fil-fehma tagħna, deskrizzjoni ta' (xi wħud) mis-sitwazzjonijiet li fihom iridu jiġu adottati miżuri individwali tagħmel il-proposta aktar ċara.

41. L-Artikolu 19(4) jikkonċerna miżuri ta' assistenza eċċezzjonali. B'analoġija mal-miżuri ta' appoġġ, li huma rregolati minn artikolu speċifiku wieħed (l-Artikolu 20), jenħtieġ li l-miżuri ta' assistenza eċċezzjonali jiġu ttrattati f'artikolu separat, peress li huma eċċezzjonali.

42. Fl-Artikolu 21, il-Kummissjoni tipproponi limiti massimi (EUR 10 miljun u EUR 20 miljun, rispettivament), li taħtom ma jkunx meħtieġ li l-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri jiġu adottati “permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami”. Dawn il-limiti massimi huma d-doppju ta' dawk tal-11-il-FEŻ ⁽⁴³⁾. Fil-każ tal-programmi li huma diġà ffinanzjati taħt il-baġit, il-limiti massimi rduppjaw ukoll. Iż-żieda tas-sollijiet għal dawk l-eċċezzjonijiet fejn mhuwix meħtieġ att ta' implimentazzjoni ddgħajef l-arranġamenti ta' sorveljanza.

43. L-Artikolu 25 tal-Proposta jmur lil hinn mir-Regolament Finanzjarju billi:

- (a) jippermetti li approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati jkunu jistgħu jiġu riportati awtomatikament u impenjati sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja ta' wara;
- (b) jerġa' jagħmel disponibbli dawk l-approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammont ta' diżimpenji li jkunu saru b'riżultat ta' nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' azzjoni;
- (c) ma japplikax it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 114(2) tar-Regolament Finanzjarju ⁽⁴⁴⁾;

⁽³⁹⁾ SWD(2017) 602, id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni - Evalwazzjoni tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat li Jakkumpanja d-dokument - Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Analiżi ta' nofs it-terminu tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern.

⁽⁴⁰⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014, kif ikkwotat hawn fuq, l-Artikolu 4(2) u (3).

⁽⁴¹⁾ “Jenħtieġ li l-kunċett tal-prestazzjoni fir-rigward tal-baġit tal-UE jiġi ċċarat. Il-prestazzjoni jenħtieġ li tkun marbuta mal-applikazzjoni diretta tal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba jenħtieġ ukoll li jiġi definit, u jenħtieġ li tiġi stabbilita rabta bejn l-oġettivi stabbiliti u l-indikaturi tal-prestazzjoni, ir-riżultati kif ukoll l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività fl-użu tal-approprjazzjonijiet. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, waqt li jiġu evitati kunflitti ma' oqfsa tal-prestazzjoni eżistenti tal-programmi differenti, it-terminoloġija tal-prestazzjoni, b'mod partikolari l-output u r-riżultati, jenħtieġ li jiġu definiti.” (ir-Regolament Finanzjarju, il-Premessa 9).

⁽⁴²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014, kif ikkwotat hawn fuq.

⁽⁴³⁾ L-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 2015/322, kif ikkwotat hawn fuq.

⁽⁴⁴⁾ “Fazzjonijiet esterni, fejn l-impenn baġitarju globali jwassal għal ftehim ta' finanzjament konkluż ma' pajjiż terz, il-ftehim ta' finanzjament għandhom ikunu konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena n+1. F'dak il-każ, l-impenn baġitarju globali għandu jkopri l-ispejjeż totali tal-impenni legali li jimplementaw il-ftehim ta' finanzjament assunti f'perijodu ta' tliet snin mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.”

(d) jintroduċi deroga mill-Artikolu 209(3) tar-Regolament Finanzjarju dwar il-pagamenti mill-ġdid u d-dħul iġġenerati minn strument finanzjarju.

44. Fil-memorandum ta' spjegazzjoni, il-Kummissjoni tiddikjara li dawn id-dispożizzjonijiet huma meħtieġa biex jiġu importati l-flessibbiltajiet tal-FEŻ, jiġifieri fondi mhux allokati u multiannwalità. Meta jsiru eċċezzjonijiet għar-Regolament Finanzjarju, dan jintroduċi element ta' kumplessità addizzjonali meta tiġi applikata l-leġiżlazzjoni.

45. L-Artikolu 25(1) jinkludi d-dispożizzjoni li l-"ammont riportat għandu jintuża l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara". Madankollu, l-Artikolu 12(2) tar-Regolament Finanzjarju jiddikjara li l-istituzzjoni "għandha l-ewwel tagħmel użu mill-appropriazzjonijiet awtorizzati għas-sena finanzjarja kurrenti u ma għandhiex tagħmel użu mill-appropriazzjonijiet li jiġu riportati sakemm l-oħrajn ikunu għadhom ma ġewx eżawriti".

46. L-Artikolu 25(2) tal-Proposta jżid eċċezzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tar-Regolament Finanzjarju ⁽⁴⁵⁾ billi jippermetti li diżimpenji li jsiru b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' azzjoni jkunu jistgħu jerġġu jsiru disponibbli għal-linja baġitarja oriġinali.

47. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25 jipprovdu aktar flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-istrument NDICI. Madankollu, l-impatt ta' flessibbiltà akbar fuq il-ġestjoni tal-fondi jrid jiġi vvalutat, billi hemm il-potenzjal ta' telf ta' obbligu ta' rendikont, jiġifieri inqas responsabbiltà għall-ġestjoni xierqa tal-appropriazzjonijiet.

48. Fondi diżimpenjati minn Fondi Ewropew għall-Iżvilupp preċedenti jistgħu jerġġu jiġu impenjati taħt FEŻ li jkun għadu għaddej, suġġett għal deċiżjoni speċifika mill-Kunsill. Jekk ma tittieħed l-ebda deċiżjoni speċifika, il-fondi jiġu allokati għal riżerva speċjali, sakemm jiġu allokati ⁽⁴⁶⁾. Taħt il-baġit ġenerali, il-fondi diżimpenjati mill-perjodu ta' prog-rammazzjoni preċedenti jiġu kkanċellati. Mhuwiex ċar jekk l-Artikolu 25(2) japplikax ukoll għall-fondi diżimpenjati wara li jiskadi l-QFP ⁽⁴⁷⁾. Jekk dan huwa l-każ, jenħtieġ li fil-Proposta tiġi inkluzja dispożizzjoni speċifika.

Kapitolu IV — EFSD +, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi (l-Artikoli 26-30)

49. Il-Kapitolu IV jiffoka fuq l-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

50. Aħna nosservaw li l-garanzija baġitarja tista' tiġi mmaniġġjata b'mod aktar effiċjenti b'fond komuni ta' proviżjonament.

51. Għalkemm il-BEI kien l-uniku bank inkarigat mill-ELM u s-sieħeb prinċipali fl-EFSD, mhuwiex ċar x'se jkun ir-rwol tiegħu fil-futur ⁽⁴⁸⁾.

52. L-Artikolu 27(2) jelenka tliet kundizzjonijiet li l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna trid tikkonforma magħhom. Il-kisba meħtieġa ta' ingranaġġ u effett multiplikatur ibbażat fuq firxa ta' valuri fil-mira speċifikati f'evalwazzjoni *ex ante* għall-garanzija baġitarja mhijiex imniżżla bħala waħda mill-kriterji ⁽⁴⁹⁾.

53. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jikkunsidraw li:

iżidu l-ingranaġġ mal-lista ta' kundizzjonijiet li l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna trid tikkonforma magħhom. Din il-modifika tagħmel il-lista ta' kundizzjonijiet għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna aktar kompleta.

54. Skont l-Artikolu 26(4), ir-rata ta' proviżjonament għandha tvarja bejn 9 % u 50 %. Għalkemm huwa speċifikat meta għandha tiġi applikata rata ta' proviżjonament ta' 9 %, ma hija pprovduta l-ebda informazzjoni meta għandha tiġi applikata rata oġhla (sa massimu ta' 50 %).

⁽⁴⁵⁾ L-Artikolu 15(3) jippermetti li d-diżimpenji jerġġu jsiru disponibbli biss meta jkunu relatati ma' proġetti ta' rikerka.

⁽⁴⁶⁾ L-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern dwar il-11-il FEŻ (ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1), kif ikkwotat hawn fuq.

⁽⁴⁷⁾ Simili għall-mekkaniżmu ta' riżerva speċjali tal-FEŻ, l-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern dwar il-11-il FEŻ (ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1), kif ikkwotat hawn fuq.

⁽⁴⁸⁾ Il-Premessa 33 tal-Proposta: "L-EFSD+ jenħtieġ li jappoġġa l-Pjan ta' Investiment Estern u jikkombina operazzjonijiet ta' taħlit u ta' garanziji baġitarji koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, inklużi dawk li jkopru r-riskji sovrani assoċjati ma' operazzjonijiet ta' self, preċedementement imwettqa taħt il-mandat ta' self estern tal-Bank Ewropew tal-Investment. Minħabba r-rwol tiegħu skont it-Trattati u l-esperjenza tiegħu matul dawn l-aħħar deċennji jappoġġa l-politiki tal-Unjoni, il-Bank Ewropew tal-Investment jenħtieġ jibqa' sieħeb naturali tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet taħt il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna."

⁽⁴⁹⁾ Ara l-Artikoli 209(2)(d) u 219(3) tar-Regolament Finanzjarju.

55. L-istrumenti elenkati fl-Artikolu 27(3) jinvolve diversi riskji. Is-self fil-munita lokali u l-parteċipazzjoni fekwità għandhom riskju inerenti għoli ħafna. Pereżempju, il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP kellha regoli li jllimitaw il-parteċipazzjoni fekwità għal parteċipazzjonijiet minoritarji bla dritt ta' kontroll. Barra minn hekk, kien hemm ukoll limiti ta' esponiment għall-parteċipazzjoni fekwità u għas-self f'munita lokali (mhux aktar minn 20 % tad-dotazzjoni totali). Jenħtieġ li ftehimiet operazzjonali jinkludu dispożizzjonijiet simili.

56. Il-Premessa 35 tal-Proposta tiddikjara li jenħtieġ li l-garanzija tiġi pprezzata sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq. B'mod simili, l-Artikolu 209(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju jiddikjara li r-remunerazzjoni tal-garanziji għall-azzjoni esterna ma għandhiex tfixkel il-kompetizzjoni fis-suq intern. L-Artikolu 29(3)(d) tal-Proposta jistipula li jenħtieġ li l-ftehimiet tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jkunu jinkludu "r-remunerazzjoni tal-garanzija", iżda tista' tiġi inkluża kjarifika biex jiġi enfasizzat li d-distorsjonijiet tas-suq għandhom jiġu evitati. Barra minn hekk, il-Proposta ma tinkludix informazzjoni dwar kif jenħtieġ li l-garanzija tiġi pprezzata u taħt liema ċirkustanzi hija tista' tiġi ssussidjata. Fi ftehimiet operazzjonali, hija meħtieġa aktar kjarifika dwar kif jenħtieġ li l-garanzija tiġi pprezzata u taħt liema ċirkustanzi hija tista' tiġi ssussidjata.

57. It-terminoloġija tintuża b'mod inkonsistenti, eż. assistenza finanzjarja, assistenza makrofinanzjarja, u self ta' assistenza makrofinanzjarja.

Kapitolu V — Monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni (l-Artikoli 31-32)

58. L-Artikolu 31, "Monitoraġġ u rappurtar", jirreferi prinċipalment għall-istrument; l-Artikolu 32, "Evalwazzjoni", jitratta biss kif dan jiġi evalwat. Il-Proposta ma tiddistingwix bejn l-evalwazzjoni tal-istrument u l-evalwazzjoni ta' azzjonijiet.

59. L-Artikolu 31(2) tal-Proposta jistipula li "l-progress fir-rigward tar-riżultati mistennija għandu jiġi mmonitorjat fuq il-bażi ta' indikaturi ċari, trasparenti u, fejn ikun xieraq, miżurabbli". L-indikaturi jistgħu jkunu kwantitattivi jew kwalitattivi, iżda jenħtieġ li dejjem ikunu jistgħu jitkejlu sabiex ikunu utli. Għalhekk, jenħtieġ li "fejn ikun xieraq" titassar.

60. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jikkunsidraw li:

jiddistingwu b'mod ċar bejn l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet u r-Regolament dwar l-istrument NDICI. Din il-modifika tagħmel il-Proposta aktar ċara billi tispeċifika liema artikoli japplikaw għal azzjonijiet, għal kuntrarju ta' dawk li japplikaw għar-Regolament dwar l-istrument NDICI nnifsu.

61. L-Anness VII tal-Proposta jipprovdi lista ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex "tgħin fil-kejl tal-kontribut tal-Unjoni biex jinkisbu l-għanijiet speċifiċi tagħha".

62. Xi wħud mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni jirreferu għal bosta objettivi speċifiċi, filwaqt li għal indikaturi oħra, mhuwiex ċar għal liema objettiv speċifiku huma japplikaw. Fil-każ ta' objettivi speċifiċi oħra, ma hemmx indikaturi.

63. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jikkunsidraw li:

jobtbu aħjar l-objettivi speċifiċi u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Meta l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni jkunu marbuta b'mod ċar mal-objettivi speċifiċi, l-ilhug ta' dawk l-objettivi jista' jingħata segwitu b'mod aktar effettiv.

64. L-Artikolu 32(1) jipprevedi evalwazzjoni interim tal-Proposta, iżda ma jipprovdi dettalji dwar l-iskop u l-kontenut tagħha.

65. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jikkunsidraw li:

jestendu r-rekwiżiti tal-Artikolu 32(2) dwar l-evalwazzjoni finali tar-Regolament għall-evalwazzjoni interim, fejn rilevanti. Din il-modifika tikkjarifika r-rekwiżiti li evalwazzjoni interim trid tissodisfa.

Kundizzjonijiet għall-attestazzjoni mill-Qorti

66. Fl-Istrateġija tagħna għall-2018-2020, aħna indikajna l-għan tagħna li nagħmlu tranżizzjoni lejn “impenn ta’ attestazzjoni” għad-Dikjarazzjoni ta’ Assigurazzjoni tagħna.

67. Aħna nirrikonoxxu li l-objettiv tal-Proposta mhuwiex li tiddefinixxi jew li tiddekrivi s-sistema ta’ ġestjoni u kontroll, jew il-qafas kumplessiv ta’ kontroll intern u l-komponenti obbligatorji tiegħu ⁽⁵⁰⁾.

68. Madankollu, aħna nosservaw li d-dispożizzjonijiet tal-Proposta attwali mhumiex suffiċjenti biex jipprevedu li s-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll ikunu jinkludu qafas ta’ kontroll intern imfassal b’mod li jippermetti li l-Qorti tkompli bit-tranżizzjoni lejn impenn ta’ attestazzjoni.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tat-13 ta’ Diċembru 2018.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

⁽⁵⁰⁾ It-Taqsima 2 tad-“Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva” annessa tindika kif il-Kummissjoni biħsiebha tistabbilixxi miżuri ta’ ġestjoni.

ANNEX

Analiżi tal-proposta tal-Kummissjoni u s-suġġeriment tal-Qorti

Is-suġġerimenti għall-abbozzar li għejjin jirriflettu xi kunsiderazzjonijiet li jitqajmu f'din l-Opinjoni - iżda mhux kollha. Hija r-responsabbiltà tal-leġiżlaturi li jieħdu kont ta' dawn il-punti u li jinkorporawhom fl-artikoli xierqa tar-Regolament propost.

Test fil-proposta	Suġġeriment tal-Qorti	Kummenti
<p>Artikolu 8 Prinċipji Ġenerali</p> <p>3. L-Unjoni għandha tappoġġa, kif xieraq, l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni u djalogu bilaterali, reġjonali u multilaterali, f'lehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni triangolari.</p>		<p>3. Jenħtieġ li t-terminu "kooperazzjoni triangolari" jiġi speċifikat.</p>
<p>TITOLU II IMPLIMENTAZZJONI TA' DAN IR-REGOLAMENT</p> <p>Kapitolu I Programmazzjoni</p> <p>Artikolu 14 Adozzjoni u emenda tal-programmi indikattivi pluriennali</p> <p>3. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi ġeografiċi jistgħu jiġu rieżaminati fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7 jew wara sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' wara kriżi.</p> <p>4. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi tematiċi jistgħu jiġu rieżaminati fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7.</p>	<p>TITOLU II IMPLIMENTAZZJONI TA' DAN IR-REGOLAMENT</p> <p>Kapitolu I Programmazzjoni</p> <p>Artikolu 14 Adozzjoni u emenda tal-programmi indikattivi pluriennali</p> <p>3. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi ġeografiċi jistgħu jiġu rieżaminati fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7 jew, fil-każ ta' programmi ġeografiċi, wara sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' wara kriżi.</p> <p>4. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi tematiċi jistgħu jiġu rieżaminati fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7.</p>	

Test fil-proposta	Suġġeriment tal-Qorti	Kummenti
<p>5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati jew theddid immedjat għad-demokrazzja, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni tista' temenda l-programmi indikattivi pluriennali msemmija fl-Artikoli 12 u 13 ta' dan ir-Regolament b'atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 35(4).</p>	<p>54. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati jew theddid immedjat għad-demokrazzja, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni tista' temenda l-programmi indikattivi pluriennali msemmija fl-Artikoli 12 u 13 ta' dan ir-Regolament b'atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 35(4).</p>	
<p>Kapitolu II Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Viċinat Artikolu 17 <i>Approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni</i> 1. B'mod indikattiv 10 % tal-pakkett finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 4(2)(a) biex jissupplimentaw l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 12 għandu jiġi allokat lill-pajjiżi sħab elenkati fl-Anness I sabiex jimplimentaw l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni. L-allokazzjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni għandhom jiġu deċiżi fuq il-progress tagħhom lejn id-demokrazzja, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, il-governanza ekonomika u r-riformi. Il-progress tal-pajjiżi sħab għandu jiġi valutat kull sena.</p>	<p>Kapitolu II Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Viċinat Artikolu 17 <i>Approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni</i> 1. B'mod indikattiv 10 % tal-pakkett finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 4(2)(a) biex jissupplimentaw l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 12 għandu jiġi allokat lill-pajjiżi sħab elenkati fl-Anness I sabiex jimplimentaw l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni. L-allokazzjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni għandhom jiġu deċiżi fuq il-progress tagħhom lejn id-demokrazzja, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, il-governanza ekonomika u r-riformi. Il-progress tal-pajjiżi sħab għandu jiġi valutat kull sena.</p>	
<p>Kapitolu III Pjanijiet ta' azzjoni, miżuri u metodi ta' implimentazzjoni Artikolu 23 <i>Forum ta' finanzjament mill-UE u metodi ta' implimentazzjoni</i> 4. L-appoġġ baġitarju kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, inkluż permezz ta' kuntratti ta' prestazzjoni ta' riforma strutturali, għandu jkun ipprovdut f'konformità mal-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju. Għandu jkun ibbażat fuq is-sjeda tal-pajjiż, l-akkontabilità reċiproka u impenji kondiviżi għall-valuri universali, id-demokrazzja, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab. Għandu jinkludi djalogu msaħħaħ ta' politika, tisħiħ tal-kapaċitajiet, u governanza mtejba, li jikkomplementaw l-isforzi tal-isħab biex jiġbru aktar u jonfqu aħjar bil-għan li jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv u l-impjegi u l-qerda tal-faqar.</p>	<p>Kapitolu III Pjanijiet ta' azzjoni, miżuri u metodi ta' implimentazzjoni Artikolu 23 <i>Forum ta' finanzjament mill-UE u metodi ta' implimentazzjoni</i> 4. L-appoġġ baġitarju kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, inkluż permezz ta' kuntratti ta' prestazzjoni ta' riforma strutturali, għandu jkun ipprovdut f'konformità mal-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju. Għandu jkun ibbażat fuq is-sjeda tal-pajjiż, l-akkontabilità reċiproka u impenji kondiviżi għall-valuri universali, id-demokrazzja, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab. Għandu jinkludi djalogu msaħħaħ ta' politika, tisħiħ tal-kapaċitajiet, u governanza mtejba, li jikkomplementaw l-isforzi tal-isħab biex jiġbru aktar u jonfqu aħjar bil-għan li jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv u l-impjegi u l-qerda tal-faqar.</p>	

Test fil-proposta	Suġġeriment tal-Qorti	Kummenti
<p>Kwalunkwe deċiżjoni biex jiġi pprovdut appoġġ baġitarju għandha tkun ibbażata fuq politiki ta' appoġġ baġitarju miftehma miftehma mill-Unjoni, sett ċar ta' kriterji ta' eliġibbiltà u evalwazzjoni bir-reqqa tar-riskji u l-benefiċċji.</p> <p>4. L-appoġġ baġitarju għandu jiġi differenzjat b'mod li jwieġeb aħjar għall-kuntest politiku, ekonomiku u soċjali tal-pajjiż sieħeb, b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet ta' fraġilità.</p> <p>Meta ttipprovdi appoġġ baġitarju skont l-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar u timmonitorja l-kriterji għall-kondizzjonalità tal-appoġġ baġitarju, inkluż il-progress fir-riformi u t-trasparenza, u għandha tappoġġa l-iżvilupp tal-kontroll parlamentari, il-kapaċitajiet nazzjonali ta' awditjar u ż-żieda fit-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.</p>	<p>Kwalunkwe deċiżjoni biex jiġi pprovdut appoġġ baġitarju għandha tkun ibbażata fuq politiki ta' appoġġ baġitarju miftehma mill-Unjoni, sett ċar ta' kriterji ta' eliġibbiltà u evalwazzjoni bir-reqqa tar-riskji u l-benefiċċji.</p> <p>4. L-appoġġ baġitarju għandu jiġi differenzjat b'mod li jwieġeb aħjar għall-kuntest politiku, ekonomiku u soċjali tal-pajjiż sieħeb, b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet ta' fraġilità.</p> <p>Meta ttipprovdi appoġġ baġitarju skont l-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar u timmonitorja l-kriterji għall-kondizzjonalità tal-appoġġ baġitarju, inkluż il-progress fir-riformi u t-trasparenza, u għandha tappoġġa l-iżvilupp tal-kontroll parlamentari, il-kapaċitajiet nazzjonali ta' awditjar u ż-żieda fit-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.</p>	
<p>5. L-iżborż tal-appoġġ baġitarju għandu jkun ibbażat fuq indikaturi li juru li jkun qiegħed isir progress sodisfaċenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet miftehma mal-pajjiż sieħeb.</p>	<p>5. L-iżborż tal-appoġġ baġitarju għandu jkun ibbażat fuq indikaturi li juru li jkun qiegħed isir progress sodisfaċenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet miftehma mal-pajjiż sieħeb.</p>	
<p>6. L-istrumenti finanzjarji skont dan ir-Regolament jistgħu jieħdu forum, bħal self, garanzji, ekwità jew kważi ekwità, investimenti jew parteċipazzjonijiet, u strumenti għall-kondizzjonijiet tar-riskji, kull meta jkun possibbli u skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 209(1) tar-Regolament Finanzjarju taħt it-tmexxija tal-BE, istituzzjoni finanzjarja Ewropea multilaterali, bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, jew istituzzjoni finanzjarja Ewropea bilaterali, bħal banek bilaterali tal-iżvilupp, possibbilment magħquda ma' forum addizzjonali oħra ta' appoġġ finanzjarju, kemm mill-Istati Membri kif ukoll minn terzi persuni.</p>	<p>6-5. L-istrumenti finanzjarji skont dan ir-Regolament jistgħu jieħdu forum, bħal self, garanzji, ekwità jew kważi ekwità, investimenti jew parteċipazzjonijiet, u strumenti għall-kondizzjonijiet tar-riskji, kull meta jkun possibbli u skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 209(1) tar-Regolament Finanzjarju taħt it-tmexxija tal-BE, istituzzjoni finanzjarja Ewropea multilaterali, bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, jew istituzzjoni finanzjarja Ewropea bilaterali, bħal banek bilaterali tal-iżvilupp, possibbilment magħquda ma' forum addizzjonali oħra ta' appoġġ finanzjarju, kemm mill-Istati Membri kif ukoll minn terzi persuni.</p>	<p>Il-kontribuzzjonijiet għall-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jistgħu jsiru mill-Istati Membri kif ukoll minn kwalunkwe entità msemmija fl-Artikolu 62(1)c) tar-Regolament Finanzjarju.</p>

Test fil-proposta	Suġġeriment tal-Qorti	Kummenti
<p>7. Dawn l-istrumenti finanzjarji jistgħu jinġabru f'faċilitajiet għall-għanijiet tal-implimentazzjoni u tar-rappurtar.</p> <p>8. Il-finanzjament mill-Unjoni ma għandux jiġġenera jew jattiva l-ġbir ta' taxxi, dazji jew imposti speċifiċi.</p> <p>9. It-taxxi, dazji u imposti debitati mill-pajjiżi sħab, jistgħu jkunu eliġibbli għall-finanzjament skont dan ir-Regolament.</p>	<p>7. Dawn l-istrumenti finanzjarji jistgħu jinġabru f'faċilitajiet għall-għanijiet tal-implimentazzjoni u tar-rappurtar.</p> <p>8. Il-finanzjament mill-Unjoni ma għandux jiġġenera jew jattiva l-ġbir ta' taxxi, dazji jew imposti speċifiċi.</p> <p>9. It-taxxi, dazji u imposti debitati mill-pajjiżi sħab, jistgħu jkunu eliġibbli għall-finanzjament skont dan ir-Regolament.</p>	
<p>Kapitolu IV EFSD+, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi</p> <p>Artikolu 26 <i>Kamp ta' applikazzjoni u finanzjament</i></p>	<p>Kapitolu IV EFSD+, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi</p>	<p>Kapitolu IV EFSD+, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi</p> <p>6. Hemm nuqqas ta' informazzjoni rigward x'se jsir eż. bid-dħul u bi kwalunkwe pagament riċevut mill-Unjoni f'konformità mal-ftehimiet ta' garanzija jew ta' self, b'ammonti rkuprati minn debituri f'kon-tumacija, b'redditi fuq l-investimenti tar-riżorsi miżmuma fil-fond komuni ta' provviżjonament. Lanqas ma hemm informazzjoni rigward l-ispejjeż involuti.</p>
<p>7. Il-proviżjonament imsemmi fl-Artikolu 211(2) tar-Regolament Finanzjarju għandu jiġi kositwit fuq il-bażi tal-obbligazzjonijiet pendenti totali tal-Unjoni li jirriżultaw minn kull operazzjoni, inklużi l-operazzjonijiet iffirmati qabel l-2021 u ggarantiti mill-Unjoni. L-ammont annwali ta' provviżjonament meħtieġ jista' jiġi kositwit matul perjodu sa seba' snin.</p>	<p>7. L-istabiliment ta' rata ta' provviżjonament imsemmi fl-Artikolu 211(2) tar-Regolament Finanzjarju għandu jiġi kositwit fuq il-bażi totali tal-Unjoni li jirriżultaw minn kull operazzjoni, inklużi l-operazzjonijiet iffirmati qabel l-2021 u ggarantiti mill-Unjoni. Dan l-ammont għandu jsekkwi l-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 208(2) tar-Regolament Finanzjarju (ara l-Artikolu 211(1) RE). L-ammont annwali ta' provviżjonament meħtieġ jista' jiġi kositwit matul perjodu sa seba' snin.</p>	<p>7. Jidher li l-Artikolu 211(6) u l-Artikolu 211(7) tar-Regolament Finanzjarju ma tiħdux inkunsiderazzjoni, minkejja li huma importanti ħafna. Aħna nemmu li jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill immedjatament, u jenħtieġ li tipproponi miżuri ta' rikostituzzjoni adegwati fejn pajjiż li jirċievi assistenza finanzjarja mill-UE jonqos milli jħallas fuq maturità.</p>

Test fil-proposta	Suġġeriment tal-Qorti	Kummenti
<p>8. Il-bilanċ tal-assi sal-31 ta' Diċembru 2020 fil-Fond ta' Garanzija tal-EFSD u fil-fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni stabbiliti rispettivament mir-Regolament UE 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 għandu jiġi ttrasferit fil-fond komuni ta' provizzjonament għall-iskop ta' provizzjonament tal-operazzjonijiet rispettivi tiegħu taħt l-istess garanzija umika prevista fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.</p>	<p>8. Il-bilanċ tal-assi sal-31 ta' Diċembru 2020 fil-Fond ta' Garanzija tal-EFSD u fil-fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni stabbiliti rispettivament mir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 għandu jiġi ttrasferit fil-fond komuni ta' provizzjonament għall-iskop ta' provizzjonament tal-operazzjonijiet rispettivi tiegħu taħt l-istess garanzija umika prevista fil-paragrafu 45 ta' dan l-Artikolu.</p>	<p>Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 209(3) u tal-Artikolu 209(4) tar-Regolament Finanzjarju tiegħu inkunsiderazzjoni b'mod korrett fil-proposta? Ara wkoll l-Artikolu 29(6) hawn taħt.</p>
<p>Artikolu 27 Eliġibbiltà u għażla tal-operazzjonijiet u tal-kontropartijiet</p> <p>2. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn (a) sa (c) tal-Artikolu 209(2) tar-Regolament Finanzjarju u li:</p> <p>(a) jassiguraw il-komplementarjetà ma' inizjattivi oħra;</p> <p>(b) ikunu ekonomikament u finanzjarjament vijabbli, b'kont dovut tal-appoġġ u l-kofinanzjament possibbli mis-sħab pubbliċi u privati fil-proġett, filwaqt li jitqiesu l-ambjent operattiv u l-kapaċitajiet speċifiċi tal-pajjiżi identifikati bħala li għaddejjin minn fraġilità jew kumflitt, il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppatti u l-pajjiżi fqar b'ħafna dejn, li jistgħu jibbenefikaw minn termini aġevoli;</p> <p>(c) ikunu teknikament vijabbli u sostenibbli minn perspettiva soċjali u ambjentali.</p>		<p>2. Irid jiġi nnutat li dan mhuwiex f'konformità mal-Artikolu 219(3) tar-Regolament Finanzjarju, billi mhuwiex inkluż il-punt (d) li jsemmi l-ingranaġġ u l-effett multiplikatur tal-garanziji baġitarji. Dan tħalla barra bi żball?</p>

Test fil-proposta	Suġġeriment tal-Qorti	Kummenti
<p>5. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jikkonformaw mar-regoli u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 62(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju. Fil-każ ta' korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew pajjiż terz li jkun ikkontribwixxa Gharanzija għall-Azzjoni Esterna skont l-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, għandha tingħata preferenza lil dawk il-korpi li jiżvelaw informazzjoni relatata mal-kriterji ambjentali, soċjali u tal-governanza korporattiva.</p>	<p>5. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jikkonformaw mar-regoli u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 62(2)(c)62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju. Fil-każ ta' korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew pajjiż terz li jkun ikkontribwixxa għall-Gharanzija għall-Azzjoni Esterna skont l-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, għandha tingħata preferenza lil dawk il-korpi li jiżvelaw informazzjoni relatata mal-kriterji ambjentali, soċjali u tal-governanza korporattiva.</p>	
<p>Artikolu 28 Kontribuzzjoni minn donaturi oħra għall-Gharanzija għall-Azzjoni Esterna</p> <p>1. Stati Membri, pajjiżi terzi u terzi persuni oħra jistgħu jikkontribwixxu għall-Fond ta' Gharanzija għall-Azzjoni Esterna.</p> <p>B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jistgħu jikkontribwixxu fil-forma ta' garanziji jew flus.</p> <p>Il-kontribuzzjoni minn pajjiżi terzi għajr il-partijiet kontraenti taż-Żona Ekonomika Ewropea u minn terzi persuni oħra għandha tkun fil-forma ta' flus u tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.</p> <p>Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien dwar il-kontribuzzjonijiet ikkonfermati.</p> <p>B'talba tal-Istati Membri, il-kontribuzzjonijiet tagħhom jistgħu jiġu allokati għall-bidu ta' azzjonijiet f'reġjuni, pajjiżi, setturi jew twieqi ta' investiment eżistenti speċifiċi.</p> <p>2. Il-kontribuzzjonijiet fil-forma ta' garanzija ma għandhomx jaqbużu l-50 % tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 26(2) ta' dan ir-Regolament.</p>	<p>2. Il-kontribuzzjonijiet fil-forma ta' garanzija ma għandhomx jaqbużu l-50 % tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 26(2)26(3) ta' dan ir-Regolament.</p>	<p>1. L-artikolu rilevanti tar-RF juża l-kelma "jistgħu", allura mhuwiex ċar għalfejn tinħtieġ deroga.</p>

Test fil-proposta	Suġġeriment tal-Qorti	Kummenti
<p>Artikolu 29 Implimentazzjoni tal-fehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna</p> <p>5. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tista' tkopri:</p> <p>(a) għall-istrumenti tad-dejn, il-kapital u l-imgħax kollu u l-ammonti dovuti lill-kontroparti eliġibbli magħżula, iżda li din ma tkunx irċeviet f'konformità mat-termini tal-operazzjonijiet ta' finanzjament wara li jkun seħħ avveniment ta' inadempjenza:</p> <p>(a) għall-investimenti ta' ekwità, l-ammonti investiti u l-kostijiet ta' finanzjament assoċjati magħhom;</p> <p>(b) għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment oħrajn imsemmija fl-Artikolu 27(2), l-ammonti użati u l-kostijiet ta' finanzjament assoċjati magħhom;</p> <p>(c) l-infiq u l-kostijiet ta' rkupru rilevanti kollha relatati ma' avveniment ta' inadempjenza, sakemm ma jkunux tnaqqsu mit-rikavati tal-irkupru.</p> <p>6. (b) l-obbligu finanzjarju pendenti għall-Unjoni, li jirriżulta mill-operazzjonijiet EFSD+ ipprovduti lill-kontropartijiet eliġibbli u l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment tagħhom, diżaggregati skont l-operazzjonijiet individwali.</p>	<p>Artikolu 29 Implimentazzjoni tal-fehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna</p> <p>5. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tista' tkopri:</p> <p>(a) għall-istrumenti tad-dejn, il-kapital u l-imgħax kollu u l-ammonti dovuti lill-kontroparti eliġibbli magħżula, iżda li din ma tkunx irċeviet f'konformità mat-termini tal-operazzjonijiet ta' finanzjament wara li jkun seħħ avveniment ta' inadempjenza:</p> <p>(ab) għall-investimenti ta' ekwità, l-ammonti investiti u l-kostijiet ta' finanzjament assoċjati magħhom;</p> <p>(b) għal operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment oħrajn imsemmija fl-Artikolu 27(2)27(3), l-ammonti użati u l-kostijiet ta' finanzjament assoċjati magħhom;</p> <p>(c) l-infiq u l-kostijiet ta' rkupru rilevanti kollha relatati ma' avveniment ta' inadempjenza, sakemm ma jkunux tnaqqsu mit-rikavati tal-irkupru.</p>	<p>6. (b) Ma hemmx konformità sħiħa mal-Artikolu 219(6) tar-Regolament Finanzjarju.</p>
<p>Kapitolu V Monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni</p> <p>Artikolu 31 Monitoraġġ u rapportar</p> <p>2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-azzjonijiet tagħha regolarment u tirreżamina l-progress li jkun sar lejn il-kisba ta' il-kisba ta' riżultati mistennja u tkopri l-outputs u l-eżiti.</p>	<p>Kapitolu V Monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni</p> <p>Artikolu 31 Monitoraġġ u rapportar</p> <p>2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-azzjonijiet tagħha regolarment u tirreżamina l-progress li jkun sar lejn il-kisba ta' riżultati mistennja u tkopri l-outputs u l-eżiti.</p>	

Test fil-proposta	Suġġeriment tal-Qorti	Kummenti
<p>Il-progress fir-rigward tar-riżultati mistennija għandu jiġi mmonitorjat fuq il-bażi ta' indikaturi ċari, trasparenti u, fejn ikun xieraq, miżurabbli. L-għadd ta' indikaturi għandu jkun limitat biex jiffaċilita r-rapportar f'waqtu.</p> <p>6. Ir-rapport annwali mħejji fl-2021 għandu jinkludi informazzjoni konsolidata mir-rapporti annwali li jirrigwardaw il-perjodu mill-2014 sal-2020 dwar il-finanzjament kollu mir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 40(2), inklużi dħul estern u l-kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji, u joffri diżaggregazzjoni tal-infiq skont il-pajjiż, l-użu tal-istrumenti finanzjarji, l-impenni u l-pagamenti. Ir-rapport għandu jirrifletti t-tagħlimiet ewlenin u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-eżerċizzji esterni ta' evalwazzjoni li jkunu saru fis-snin preċedenti.</p>	<p>Il-progress fir-rigward tar-riżultati mistennija għandu jiġi mmonitorjat fuq il-bażi ta' indikaturi ċari, trasparenti u, fejn ikun miżurabbli. L-għadd ta' indikaturi għandu jkun limitat biex jiffaċilita r-rapportar f'waqtu.</p> <p>6. Ir-rapport annwali mħejji fl-2021 għandu jinkludi informazzjoni konsolidata mir-rapporti annwali li jirrigwardaw il-perjodu mill-2014 sal-2020 dwar il-finanzjament kollu mir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 40(2), inklużi dħul assenjat estern u l-kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji, u joffri diżaggregazzjoni tal-infiq skont il-pajjiż, l-użu tal-istrumenti finanzjarji, l-impenni u l-pagamenti. Ir-rapport għandu jirrifletti t-tagħlimiet ewlenin u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-eżerċizzji esterni ta' evalwazzjoni li jkunu saru fis-snin preċedenti.</p>	

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT